



# Iż-Żjara ta' Mons. Pietru Dusina (1575) fil-Kappelli ddedikati lil San Bartolomew

**Julian Bezzina**

Il-kult ta' San Bartolomew fil-gżejjer Maltin nistgħu ngħidu li ma daħalx qabel il-bidu tas-seklu 15, jiġifieri is-sena 1400. Dan għaliex fil-lista tad-dejma ta' l-1420, ftit wisq huma dawk l-irġiel bl-isem ta' dan il-qaddis. Minn ħames irġiel insibu tnejn, Bartolomew Bezzina u Bartolomew Aquilina mir-raħal tagħna li miegħu kellu wkoll il-Madliena (Raħal Samudi). Barra minn dan, mija u ħamsa u sebgħin sena wara, fiż-żjara ta' Mons. Pietru Dusina insibu għaxar kappelli ddedikati lil San Bartolomew iżda l-kronista ta' din iż-żjara l-ebda waħda ma kiteb li kienet qadima ħafna. Mill-banda l-oħra, id-devozzjoni lejn dan il-qaddis hija qadima ħafna fi Sqaliija, fejn San Bartolomew hu meqjum fil-gżejjer Lipari, f'Giarratana u fi Scicli. Jidher ċar għalhekk li d-devozzjoni lejn dan il-qaddis daħlet fil-gżejjer tagħna fil-bidu tas-seklu 15, meta Malta kienet parti minn Sqallija, meta din tal-aħħar kienet taħt l-Ispanjoli ta' Kastilja.

Il-kappelli li żar l-Isqof Dusina kienu għaxra u mxerrda ma' Malta kollha. L-ewwel li żar kienet dik li hemm ir-Rabat in-naħa tal-Knisja ta' Ġiezu. Din il-kappella, li għadha wieqfa sal-llum, hija ġuspatronat tal-Patrijiet Agostinjani. Kellha benefiċċju tajjeb mill-qbiela u għalhekk kellha dak kollu meħtieġ għall-quddies, iżda ma kelliex kwadru ta' San Bartolomew u għalhekk l-Isqof ordna lir-Rettur tagħha, Dun Julius Ferraiolus biex jagħmel wieħed. Din il-kappela nbniet fl-1440, u nbniet mill-ġdid fl-1550. Kappella oħra li żar kienet dik ta' Ħal - Tartarni. Dan kien raħal fqir u żgħir ħafna qrib Ħad - Dingli u kellu biss għoxrin dar. Il-kappella ta' San Bartolomew kienet żgħira, bla paviment, bla tiżjin, u bla bieb għax kellha wkoll xi ġebel mill-faċċata mwaqqa'. Ma kelliex rettur u dħul u jidher li kienet abbandunata. Għandna niftakru li ż-żmien li qegħdin niktbu fuqu hu għaxar snin biss wara l-Assedju l-Kbir. Naf li meta t-Torok irtiraw għax-xwieni tagħhom f'Settembru 1565, għamlu ħerba mill-irħula Maltin għax in-nies kienu sabu l-kenn wara s-swar.

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Jannar 1575, l-Isqof żar ir-raħal tagħna li kellu tmenin familja. In-nies inġabru fil-kappella ta' San Bartolomew biex jagħtuh merħba. Il-kittieb tar-rapport tal-visita kiteb li kienet kappella li ma kien jonqosha xejn. Kien jieħu ħsiebha Ġakbu Confle minn Ħal - Lija u kien obbligat li jagħmel il-festa ta' San Bartolomew bl-għasar u bil-quddiesa, għax din kellha għalqa fl-Għallis imħollija għal dan il-għan. In-nies talbu l-Viżitatur Appostoliku biex jibgħat qassis fir-raħal biex iqaddes imqar kull nhar ta' Ħadd u huma kienu jaħsbulu għall-għixien tiegħu billi kull familja tagħti sehem qoton li jiswa tlett tari (munita ta' żmien l-Ordni).

Dakinhar stess, Dusina żar Birkirkara fejn sab ukoll kappella ddedikata lil San Bartolomew. Din il-kappella kienet nieqsa minn kollox, lanqas biss il-kwadru ta' San Bartolomew ma kellha u mis-saqaf tagħha kien jidħol l-ilma tax-xita. Għalkemm din il-kappella kienet imneżża' minn kollox, xorta waħda kienet issir il-festa ta' San Bartolomew bl-għasar u bil-quddiesa. Antonio Commensole kien obbligat jagħmilha għax kellu għalqa f'Laboar (aktarx l-Aħfar), imqabbla għandu.

Nhar it-Tlieta, l-1 ta' Frar 1575, Mons. Dusina żar Ħal - Mann, fejn żar ukoll kappella ddedikata lil San Bartolomew. Dan ir-raħal kien ta' tnax - il dar, kienu joqgħodu fihom madwar ħamsa u ħamsin ruħ u kien jinsab qrib Ħal - Lija. Din kellha dħul ta' tliet skudi iżda l-Isqof sabha bla bieb u nieqsa minn dak li hu

meħtieġ. Kellha żewġ artali fil-ġnub iżda l-Isqof ordna li ma jista' jsir xejn fihom. Il-festa kienet issir bl-għasar u l-quddiesa minn Marianus Buhagiar u minn xi devoti oħra. Hu ordna li sakemm isir il-bieb tagħha ma jsir xejn u dan jiġi mbarrat bil-ġebel. Din il-kappella kienet tinsab fi sqaq wara 'Kinds' u l-kwadru tagħha jinsab fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal - Lija.

L-Erbgħa, 2 ta' Frar 1575, l-Isqof żar kappella oħra f'Birkirkara in-naħa ta' l-Għargħar. Din, għalkemm kellha artal, kienet nieqsa minn kollox u għalhekk ordna li tiġi pprofanata u l-bieb tagħha jiġi mbarrat. Fl-istess jum, hu mar is-Siġġiewi fejn żar kappella ddedikata lil dan il-qaddis. Din kienet f'għalqa u l-bieb tagħha ma kienx għat-triq. L-Isqof, billi sabha nieqsa minn dak kollu meħtieġ, ipprofanaha u ordna li ma tistax tintuża għal skop profan iżda flokha għandu jsir salib. Simone Vella xorta kien jagħmel il-festa tal-qaddis bl-għasar u l-quddiesa. L-Isqof ordnalu li l-festa għandu jibqa' jagħmilha xorta f'artal fil-Parroċċa tas-Siġġiewi.

Is-Sibt ta' wara mar Ħaż - Żebbuġ, fejn sab kappella oħra ta' San Bartolomew. Din kienet f'Għarram (fuq ix-xellug ta' Triq l-Imdina). Għalkemm din kellha artal u kienet tingħalaq, kienet nieqsa minn dak li hu meħtieġ. Il-festa kienet issir minn Bartolomew Borg għax dan kellu għalqa mħollija lil din il-kappella fin-naħa 'ta' Gador'.

Fid-9 ta' Frar 1575, meta kien iż-Żurrieq, żar il-kappella ta' San Bartolomew li kienet fil-qalba tar-raħal. Din kienet diċenti ħafna, kellha dak kollu meħtieġ u kien għadha kemm ġiet imbajjda. Michael Mangion kien jagħmel il-festa għax kellu għalqa msejħa 'ta' Kamiċiri' fin-naħa tal-Ħlantun (Ħal - Safi).

L-għaxar kappella ddedikata lil dan il-qaddis li żar l-Isqof Dusina kienet fir-Rabat, Għawdex, barra l-kastell u tagħmel mal-Parroċċa ta' San Ġorġ. Kienet ġuspatronat ta' Franġisk u Mattew de Manuele. Għalkemm kienet bla bieb, bla paviment u nieqsa minn dak meħtieġ, Dun Leonardo Dallo kien iqaddes fiha ħmistax - il quddiesa għax kellu dħul ta' tmien tari mill-qbiela tal-għelieqi fin-naħa magħrufa ta' Satturgi, f'Għawdex. Din il-kappella nbniet minn Pawlu de Manuele fl-1497. (Atti tan-Nutar Ġakbu Saliba).

Kien hawn kappelli oħrajn li ma żarhomx Mons. Dusina, dawn forsi għax kienu diġa' mwaqqa'. Nafu li kien hawn il-Kappella ta' Ħal - Kapurat (L-Imrieħel), ddedikata lil San Bartolomew (li l-kwadru tagħha jinsab fis-sagristija tal-Parroċċa ta' Ħal - Balzan), tal-Gżira faċċata tal-Gżira Manoel, tal-familja Bernardi fil-Qrendi, ta' Bunuħħala qrib Binġemma, tad-Dwiemes f'Ħaż - Żebbuġ u ta' Wied il-Ħesri fis-Siġġiewi. Barra dawn il-kappella ta' San Bartolomew ta' Ħal - Tarxien (1764 - 1776), mibnija mill-flus li ħalla Dun Bartolomew Mangion, kienet għadha ma nbnietx dak iż-żmien.

Ir-rapport ta' dan il-Visita Appostolica jurina li l-Għargħurin ta' dak iż-żmien kienu bdiewa bieżla, li jaħsbu f'ruħhom u ġenerużi mal-knisja. Kienu donnhom diġa' għażlu lill-kappella ta' San Bartolomew biex aktar 'l quddiem tkun il-Parroċċa tar-raħal tagħna.


